SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

25 ta' Novembru 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2008/94/KE – Artikoli 2 u 3 – Protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega – Kunċetti ta' 'krediti mhux imħallsa tal-ħaddiema impjegati' u ta' 'insolvenza ta' persuna li timpjega' – Inċident fuq il-post tax-xogħol – Mewt tal-impjegat – Kumpens għad-dannu morali – Irkupru tal-kreditu mingħand il-persuna li timpjega – Impossibbiltà – Istituzzjoni ta' garanzija"

Fil-Kawża C-799/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Okresný súd Košice I (il-Qorti Distrettwali ta' Košice I, is-Slovakkja), b'deċiżjoni tal-5 ta' Awwissu 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Ottubru 2019, fil-proċedura

**NI,**

**OJ,**

**PK**

vs

**Sociálna poisťovňa,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn A. Prechal (Relatur), President tat-Tielet Awla, li qiegħda taġixxi bħala President tat-Tmien Awla, F. Biltgen u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal NI, OJ u PK, minn P. Kerecman, advokát,

– għall-Gvern Slovakk, minn B. Ricziová, bħala aġent,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Pavliš u J. Vláčil, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: is-Slovakk.

– għall-Irlanda, minn M. Browne, G. Hodge u T. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn K. Binchy, BL,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Tokár u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU 2008, L 283, p. 36).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, NI, OJ u PK, jiġifieri l-konjuġi u ż-żewġt itfal tal-impjegat RL, u, min-naħa l-oħra, is-Sociálna poisťovňa (il-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali, is-Slovakkja) dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jħallashom kumpens għad-dannu morali subit wara l-mewt tal-imsemmi impjegat wara inċident fuq il-post tax-xogħol, li seħħ fis-16 ta' Ottubru 2003.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Skont il-premessa 3 tad-Direttiva 2008/94:

"Jeħtieġ li jsir provvediment għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom u biex jiġi żgurat livell minimu ta' protezzjoni, speċjalment biex jiġu garantiti pretensjonijiet [krediti] mhux imħallsa b'kont meħud tal-ħtieġa ta' żvilupp, ekonomiku u soċjali, bilanċjat fil-Komunità. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu korp li jiggarantixxi l-ħlas tal-pretensjonijiet pendenti ta' l-impjegati kkonċernati."

4 Il-premessa 4 ta' din id-direttiva tgħid:

"Sabiex tiġi żgurata protezzjoni imparzjali lill-impjegati interessati, l-istat ta' l-insolvenza għandu jiġi definit fid-dawl tax-xejriet leġislattivi fl-Istati Membri u tali kunċett għandu jinkludi wkoll il-proċeduri ta' insolvenza minbarra l-istralċ. […]"

5 L-Artikolu 1(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-pretensjonijiet [krediti] ta' l-impjegati li jirriżultaw mill-kuntratti ta' impjieg jew minn relazzjonijiet ta' impjieg u dawk eżistenti kontra dawk li jħaddmu meta jkunu fi stat ta' insolvenza fis-sens ta' l-Artikolu 2(1)."

6 L-Artikolu 2 tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, min iħaddem għandu jitqies bħala fi stat ta' insolvenza meta tkun saret talba għall-ftuħ ta' proċeduri kollettivi bbażati fuq l-insolvenza ta' dak li jħaddem, kif ikun previst mil-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru, u li jinvolvu d-divestiment parzjali jew totali ta' l-assi ta' dak li jħaddem u l-ħatra ta' stralċjarju jew ta' persuna li twettaq kompitu simili, u ta' l-awtorità li tkun kompetenti skond id-dispożizzjonijiet imsemmija tkun:

a) jew iddeċidiet li tiftaħ il-proċeduri, jew

b) stabbilixxiet li l-impriża jew in-negozju ta' min iħaddem ingħalqu b'mod definittiv u li l-assi disponibbli ma jkunux suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-ftuħ tal-proċeduri.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali fir-rigward tad-definizzjoni tat-termini […] 'paga [remunerazzjoni]', […]

[…]

4. Din id-Direttiva ma timpedixxix lill-Istati Membri milli jestendu l-protezzjoni tal-ħaddiema għal sitwazzjonijiet oħra ta' insolvenza, per eżempju fejn il-ħlasijiet ikunu twaqqfu *de facto* fuq bażi permanenti, li jkunu stabbiliti bi proċeduri differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1 kif previsti fil-liġijiet nazzjonali.

[…]"

7 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94, li jinsab fil-Kapitolu II, intitolat "Dispożizzjonijiet Dwar l-Istituzzjonijiet ta' Garanzija", jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' garanzija jiggarantixxu, suġġett għall-Artikolu 4, il-ħlas tal-pretensjoniet [krediti] pendenti, ta' ħaddiema, li jirriżultaw minn kuntratti ta' impjieg jew minn relazzjonijiet ta' impjieg, inkluża, fejn previst mil-liġijiet nazzjonali, paga terminali fi tmiem ir-relazzjonijiet ta' l-impjieg.

Il-pretensjonijiet li tidħol għalihom l-istituzzjoni ta' garanzija għandhom ikunu l-pretensjonijiet pendenti tal-ħlas tal-paga [remunerazzjoni] relatati ma' perijodu preċedenti ta' żmien u/jew, skond il-każ applikabbli, wara data speċifikata stabbilita mill-Istati Membri."

8 Fil-Kapitolu V tal-imsemmija direttiva, intitolat "Dispożizzjonijiet Ġenerali u Finali", l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11 jipprevedi:

"Din id-Direttiva ma taffettwax l-għażla ta' l-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi aktar favorevoli għall-impjegati."

### *Id-dritt Slovakk*

*Il-Liġi dwar il-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali*

9 L-Artikolu 44a taż-zákon č. 274/1994 Z. z., o Sociálnej poisťovni (il-Liġi Nru 274/1994 dwar il-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali), fil-verżjoni tagħha applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2003 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 274/1994"), kienet tipprovdi, b'mod partikolari fir-rigward tal-assigurazzjoni legali tar-responsabbiltà ċivili tal-persuna li timpjega:

"1. L-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili tibda tiddekorri mid-data ta' reklutaġġ tal-ewwel ħaddiem impjegat u testendi sat-tmiem tal-perijodu ta' reklutaġġ tal-aħħar ħaddiem impjegat tal-persuna li timpjega.

2. Il-persuna li timpjega tista' teżiġi, fil-każ li jseħħ ir-riskju assigurat, li l-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali jirregola minflokha d-drittijiet għal kumpens ipprovati f'każ ta' dannu fiżiku kkawżat minn inċident fuq il-post tax-xogħol li jseħħ matul il-perijodu tal-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili […]

3. 'Riskju assigurat' ifisser dannu fiżiku jew mewt li jirriżultaw minn inċident fuq il-post tax-xogħol jew minn mard ikkaġunat mix-xogħol.

4. Jekk qorti kompetenti tintalab tiddeċiedi dwar id-danni, ir-riskju assigurat jitqies li seħħ fid-data meta d-deċiżjoni li tordna lill-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali li jwettaq il-ħlas tkun saret definittiva."

10 L-Artikolu 44b(1) u (2) ta' din il-liġi kien jipprevedi:

"1. Il-[Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali] għandu jħallas il-kumpens kif stabbilit fl-Artikolu 44a(2) lill-impjegat li jkun sofra dannu fiżiku kkawżat minn inċident fuq il-post tax-xogħol jew minn mard ikkaġunat mix-xogħol, f'koruni Slovakki.

2. Jekk il-persuna li timpjega tkun ikkumpensat lill-impjegat imsemmi fil-paragrafu 1, għad-dannu previst fl-Artikolu 44a(2) jew għal parti minnu, hija intitolata sabiex il-[Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali] jirrimborsaha l-kumpens li hija ħallset fl-ammont li hija kellha tħallas bħala kumpens lill-imsemmi impjegat."

*Il-Kodiċi tax-Xogħol*

*– Dispożizzjonijiet dwar l-insolvenza tal-persuna li timpjega*

11 L-Artikolu 21 taż-zákon č. 311/2001 Z. z., zákonník práce (il-Liġi Nru 311/2001 dwar il-Kodiċi tax-Xogħol), fil-verżjoni tagħha applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2003 (iktar 'il quddiem, il-"Kodiċi tax-Xogħol"), kien ifformulat kif ġej:

"1. Għall-finijiet tal-ħlas tal-krediti tal-ħaddiema impjegati li jirriżultaw minn relazzjoni ta' xogħol fil-każ ta' insolvenza, il-persuna li timpjega titqies li tinsab fi stat ta' insolvenza meta, wara t-tressiq ta' talba għal dikjarazzjoni ta' falliment,

a) qorti tkun iddikjarat il-falliment jew

b) qorti tkun ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' falliment minħabba l-insuffiċjenza tal-assi.

2. L-insolvenza tal-persuna li timpjega tibda fid-data tad-deċiżjoni ġudizzjarja li tiddikjara l-falliment jew li tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' falliment minħabba l-insuffiċjenza tal-assi."

12 L-Artikolu 22 tal-Kodiċi tax-Xogħol kien jipprevedi:

"1. Jekk persuna li timpjega ssir insolventi skont l-Artikolu 21 u ma tkunx tista' tħallas il-krediti tal-ħaddiema impjegati li jirriżultaw minn relazzjoni ta' xogħol, il-fond ta' garanzija għandu jirregola dawn il-krediti skont il-leġiżlazzjoni speċifika applikabbli.

2. Il-krediti tal-ħaddiema impjegati li jirriżultaw minn relazzjoni ta' xogħol li huma rregolati mill-fond ta' garanzija […] huma dawn li ġejjin:

a) is-salarju u r-remunerazzjoni dovuta għall-perijodi on-call;

b) ir-remunerazzjoni dovuta għall-btajjel pubbliċi u fil-każ ta' impossibbiltà li wieħed jaħdem;

c) ir-remunerazzjoni dovuta għall-ġranet ta' leave mħallas miksub matul is-sena kalendarja li matulha l-persuna li timpjega tkun saret insolventi u matul is-sena kalendarja preċedenti;

d) l-allowance għall-waqfien mix-xogħol dovuta lill-ħaddiem impjegat fil-każ tat-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol;

e) il-kumpens dovut fil-każ ta' tmiem immedjat tar-relazzjoni ta' xogħol (Artikolu 69);

f) il-kumpens dovut fil-każ ta' tmiem mhux validu tar-relazzjoni ta' xogħol (Artikolu 79);

g) l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, ta' ċaqliq u spejjeż oħra inkorsi mill-ħaddiem impjegat fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu;

h) id-danni dovuti minħabba inċident fuq il-post tax-xogħol jew minħabba mard ikkaġunat mix-xogħol;

i) l-ispejjeż legali inkorsi sabiex jiġu sostnuti l-krediti tal-ħaddiem impjegat li jirriżultaw mir-relazzjoni ta' impjieg quddiem qorti minħabba x-xoljiment tal-persuna li timpjega, inklużi l-ispejjeż ta' rappreżentanza legali."

*– Dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà ċivili tal-persuna li timpjega*

13 Skont l-Artikolu 195 tal-imsemmi kodiċi:

"1. Id-danni fiżiċi subiti minn impjegat fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu jew f'rabta diretta ma' dawn, jew il-mewt tiegħu wara inċident (inċident fuq il-post tax-xogħol) jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li timpjega li għaliha l-impjegat kien jaħdem fil-mument tal-inċident tiegħu.

[…]

6. Il-persuna li timpjega hija responsabbli għad-danni anki jekk tkun ikkonformat ruħha mal-obbligi li jirriżultaw minn leġiżlazzjonijiet speċjali u minn leġiżlazzjonijiet oħra intiżi li jiżguraw is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol […]".

14 L-Artikolu 204(1) tal-istess kodiċi kien jipprevedi, fir-rigward tal-portata tal-kumpens li kellu jingħata fil-kuntest tar-responsabbiltà oġġettiva tal-persuna li timpjega fil-każ ta' mewt wara inċident fuq il-post tax-xogħol:

"Fil-każ ta' mewt ta' ħaddiem impjegat wara inċident fuq il-post tax-xogħol jew minħabba mard ikkaġunat mix-xogħol, għandhom jingħataw, fil-limiti tar-responsabbiltà tal-persuna li timpjega:

a) kumpens li jikkorrispondi għall-ispejjeż mediċi effettivament inkorsi validament;

b) kumpens li jikkorrispondi għall-ispejjeż raġonevoli marbuta mal-funebri;

c) kumpens għall-ispejjeż ta' manteniment tas-superstiti;

d) somma f'daqqa intiża bħala kumpens għad-danni lis-superstiti;

e) kumpens għad-danni materjali; id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 192(3) għandhom japplikaw ukoll."

15 L-Artikolu 210 tal-Kodiċi tax-Xogħol kien jipprevedi:

"1. Il-persuna li timpjega mill-inqas ħaddiem impjegat wieħed għandha tkun assigurata għar-responsabbiltà tagħha fil-każ ta' danni li jirriżultaw minn inċident fuq il-post tax-xogħol jew minn mard ikkaġunat mix-xogħol.

2. L-assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili tal-persuna li timpjega hija pprovduta mill-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali skont il-leġiżlazzjoni speċifika applikabbli."

*Il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni Soċjali*

16 Iž-zákon č. 461/2003 Z. z., o sociálnom poistení v znení neskorších predpisov (il-Liġi Nru 461/2003 dwar l-Assigurazzjoni Soċjali), kif emendata (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 461/2003"), kienet intiża sabiex tittrasponi r-rekwiżiti imposti mid-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE tal-20 ta' Ottubru 1980 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 217), imħassra u ssostitwita bid-Direttiva 2008/94, permezz tas-sistema ta' garanzija sussidjarja obbligatorja tal-persuna li timpjega fil-każ ta' insolvenza.

17 Mill-1 ta' Jannar 2004, skont l-Artikolu 2(d) ta' din il-liġi, il-garanzija sussidjarja hija assigurazzjoni soċjali li tkopri l-każijiet ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, intiża sabiex tissodisfa l-krediti tal-impjegati permezz tal-ħlas ta' benefiċċji taħt din il-garanzija.

18 L-Artikolu 12 tal-imsemmija liġi jiddetermina l-mument li fih persuna li timpjega titqies li hija insolventi għall-finijiet tal-garanzija sussidjarja.

Fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ sal-31 ta' Lulju 2006, huwa kien jipprevedi:

"1. Il-persuna li timpjega hija insolventi jekk

a) qorti tkun iddikjaratha f'falliment, jew

b) qorti tkun ċaħdet talba għal dikjarazzjoni ta' falliment minħabba l-insuffiċjenza tal-assi.

2. L-ewwel jum tal-insolvenza tal-persuna li timpjega huwa l-jum tal-għoti tad-digriet ta' falliment mill-qorti jew il-jum li fih il-qorti tagħti d-digriet li permezz tiegħu hija tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' falliment minħabba insuffiċjenza ta' assi."

Fil-verżjoni tagħha fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2012, din id-dispożizzjoni tipprevedi:

"1. Għall-finijiet ta' din il-liġi, il-persuna li timpjega hija insolventi jekk titressaq talba għal dikjarazzjoni ta' falliment.

2. L-insolvenza tal-persuna li timpjega titnissel fil-jum tan-notifika tat-talba għal dikjarazzjoni ta' falliment lill-qorti kompetenti.

3. Jekk qorti tiftaħ proċedura ta' insolvenza *ex officio* skont leġiżlazzjoni speċjali, il-jum li fih il-qorti tagħti d-digriet tagħha tal-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza jitqies li huwa l-jum li fih tnisslet l-insolvenza tal-persuna li timpjega."

*Il-Liġi dwar il-Falliment*

19 Skont it-tielet u r-raba' sentenza tal-Artikolu 3(2) taż-zákon č. 7/2005 Z. z., o konkurze a reštrukturalizácii a o zmene a doplnení niektorých zákonov (il-Liġi Nru 7/2005 dwar il-Falliment u r-Ristrutturazzjoni u li Temenda Ċerti Liġijiet, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Falliment"), persuna fiżika hija insolventi jekk ma tkunx tista' tissodisfa mill-inqas obbligu monetarju wieħed 180 jum wara d-data ta' skadenza. Fil-każ fejn kreditu pekunjarju infurzabbli kontra debitur ma jkunx jista' jiġi rkuprat fil-kuntest ta' eżekuzzjoni forzata, id-debitur jitqies li huwa insolventi.

**It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

20 Fis-16 ta' Ottubru 2003, RL, konjuġi ta' NI u missier OJ u PK, miet wara inċident fuq il-post tax-xogħol li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li kienet timpjegah.

21 Permezz ta' rikors tal-21 ta' April 2004 ppreżentat quddiem l-Okresný súd Košice II (il-Qorti Distrettwali ta' Košice II, is-Slovakkja), NI, OJ u PK, rikorrenti fil-kawża prinċipali, ippreżentaw kontra l-persuna li timpjega azzjoni għall-kumpens għad-dannu morali u materjali li huma qiesu li ġarrbu wara l-mewt ta' RL.

22 Dik il-qorti tathom, fi tmiem żewġ proċeduri distinti, kumpens għad-dannu morali u materjali, rispettivament, matul is-snin 2012 u 2016. L-ewwel deċiżjoni ġiet ikkonfermata fl-appell matul is-sena 2013.

23 Id-danni materjali, mogħtija matul is-sena 2016, tħallsu fl-intier tagħhom, f'isem il-persuna li timpjega kkonċernata, mis-Sociálna poisťovňa (iktar 'il quddiem il-"Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali") fil-kuntest tal-assigurazzjoni legali tal-persuna li timpjega li tkopri r-responsabbiltà ta' din tal-aħħar għad-danni kkawżati mill-inċidenti fuq il-post tax-xogħol.

24 Madankollu, il-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali rrifjuta li jħallas is-somma mogħtija bħala kumpens għad-dannu morali minħabba li l-kumpens għad-danni kkawżati mill-inċidenti fuq il-post tax-xogħol ma kienx jinkludi l-kumpens għal dan id-dannu.

25 Il-proċedura ta' eżekuzzjoni mmexxija minn marixxall tal-qorti kontra l-persuna li timpjega sabiex jinkiseb dan il-kumpens intemmet mingħajr suċċess minħabba l-istat ta' insolvenza li kienet tinsab fih il-persuna li timpjega. L-ebda ħlas, anki jekk parzjali, tal-imsemmi kumpens ma sar favur ir-rikorrenti.

26 Dawn għalhekk ippreżentaw rikors quddiem il-qorti tar-rinviju, l-Okresný súd Košice I (il-Qorti Distrettwali ta' Košice I, is-Slovakkja), kontra l-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali intiż għall-ħlas tal-imsemmi kumpens.

27 Dik il-qorti għandha dubji dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' "stat ta' insolvenza", fis-sens tad-Direttiva 2008/94, kif ukoll dwar l-interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "dannu" sostnuta mill-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali sabiex jopponi dan il-ħlas.

28 F'dan ir-rigward, filwaqt li tibbaża ruħha fuq il-premessa li l-assigurazzjoni obbligatorja tal-persuna li timpjega għad-danni kkawżati minn inċident fuq il-post tax-xogħol hija miżura sabiex tipproteġi lill-ħaddiema impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, l-imsemmija qorti tistaqsi jekk "kreditu mhux imħallas ta' ħaddiem impjegat", fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94, jistax jinkludi kumpens għad-dannu morali dovut lil superstiti qrib. Din l-assigurazzjoni tippermetti lill-aventi kawża jiksbu direttament kumpens għad-dannu li jirriżulta mill-inċident fuq il-post tax-xogħol minn "istituzzjoni ta' garanzija", jiġifieri, f'dan il-każ, il-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali, minflok mill-persuna li timpjega assigurata.

29 Fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, ħaddiem impjegat għandu, skont il-qorti tar-rinviju, skont l-Artikolu 204(1) tal-Kodiċi tax-Xogħol, moqri flimkien mal-Artikolu 44a(2) tal-Liġi Nru 274/1994, dritt għall-ħlas, mill-imsemmi fond, ta' kumpens għal "danni fiżiċi" bħala riżultat ta' inċident fuq il-post tax-xogħol, minflok mill-persuna li timpjega. Fil-każ ta' mewt ta' impjegat wara tali inċident, dawn id-dispożizzjonijiet jiggarantixxu wkoll, skont il-qorti tar-rinviju, dritt dirett għas-superstiti li jiksbu kumpens għad-dannu subit minn dawn tal-aħħar wara dan l-inċident.

30 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, għalhekk, jekk, fid-dawl tal-kunċett ta' "dannu" li jinsab fl-Artikolu 44a(2) tal-Liġi Nru 274/1994, l-obbligu ta' garanzija tal-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali li jikkumpensa d-danni li jirriżultaw minn inċident fuq il-post tax-xogħol ikoprix ukoll il-kumpens għal dannu morali subit mis-superstiti.

31 Barra minn hekk, peress li, fil-kuntest tad-Direttiva 2008/94, l-istat ta' insolvenza tal-persuna li timpjega huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tal-krediti mhux imħallsa li jirriżultaw minn kuntratti ta' xogħol, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-portata ta' dan il-kunċett.

32 Fil-fehma tagħha, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/94, moqri fid-dawl tal-premessa 4 tagħha, jimmilita favur interpretazzjoni estensiva tal-kunċett ta' "insolvenza", fl-interess ta' protezzjoni ekwa tal-kreditu inkwistjoni. Konsegwentement, hija tistaqsi jekk sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. F'dan ir-rigward, hija tosserva li, minkejja li l-ebda proċedura ta' falliment ma nbdiet formalment kontra l-persuna li timpjega fil-kawża prinċipali, id-dritt Slovakk jipprevedi li, fil-każ li kreditu ma jkunx jista' jiġi rkuprat fi proċedura ta' eżekuzzjoni, persuna fiżika titqies li hija insolventi.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Okresný súd Košice I (il-Qorti Distrettwali ta' Košice I) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' 'pretensjonijiet pendenti, ta' ħaddiema, li jirriżultaw minn kuntratti ta' impjieg' jinkludi anki d-dannu morali mġarrab bħala riżultat tal-mewt ta' impjegat wara inċident fuq il-post ix-xogħol?

2) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom għandu jiġi interpretat fis-sens li l-persuna li timpjega li fil-konfront tagħha tkun tressqet talba għal ftuħ ta' proċedura ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dritt għal kumpens irrikonoxxut permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja għad-dannu morali kkawżat mill-mewt ta' impjegat wara inċident fuq il-post tax-xogħol, minkejja li fil-proċedura ta' eżekuzzjoni ġie ddikjarat li l-pretensjoni ma tistax tiġi rkuprata minħabba s-sitwazzjoni tal-persuna li timpjega bħala persuna bi dħul baxx, tali persuna li timpjega tkun tinsab ukoll fi stat ta' insolvenza?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq il-ġurisdizzjoni* ratione temporis

34 Il-Gvern Slovakk jikkontesta l-ġurisdizzjoni *ratione temporis* tal-Qorti tal-Ġustizzja, billi jsostni li l-ġurisprudenza li fuqha tibbaża ruħha l-qorti tar-rinviju, b'mod partikolari s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Telefónica O2 Czech Republic (C-64/06, EU:C:2007:348), li tgħid li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni minkejja li l-fatti bdew qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni Ewropea, peress li huma komplew matul il-perijodu ta' wara din l-adeżjoni, u peress li deċiżjoni ġudizzjarja ta' natura kostituttiva ġiet adottata wara l-imsemmija adeżjoni, ma hijiex applikabbli għal din il-kawża.

35 Fil-fatt, minn naħa, id-dritt għall-kumpens tad-dannu morali subit mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tnissel fid-data li fiha seħħ l-inċident tax-xogħol inkwistjoni, jiġifieri s-16 ta' Ottubru 2003, u għalhekk qabel l-adeżjoni tar-Repubblika Slovakka mal-Unjoni, fl-1 ta' Mejju 2004. Min-naħa l-oħra, is-sentenzi li jagħtu l-kumpens, li seħħew matul is-snin 2012 u 2013, huma, f'dan il-każ, dikjarattivi u mhux kostituttivi. Għalhekk, dawn id-deċiżjonijiet ma joħolqux relazzjoni legali ġdida, iżda jagħtu biss protezzjoni legali lil dritt li kien jeżisti diġà qabel l-adeżjoni.

36 Barra minn hekk, minkejja li l-qorti tar-rinviju tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 44a(4) tal-Liġi Nru 274/1994 sabiex tikkunsidra li r-riskju assigurat huwa meqjus li seħħ fid-data tad-deċiżjoni definittiva, jiġifieri matul is-sena 2013, la d-dritt għal kumpens għad-dannu morali u lanqas il-kreditu allegat fil-kawża prinċipali, ibbażat fuq dan id-dritt, ma jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni li tirregola l-assigurazzjoni tar-responsabbiltà għad-danni kkawżati minn inċident fuq il-post tax-xogħol, li minnha tagħmel parti l-imsemmija dispożizzjoni. Dawn id-drittijiet jaqgħu, min-naħa l-oħra, taħt il-Kodiċi Ċivili. Fi kwalunkwe każ, anki kieku dan ma kienx il-każ, il-kreditu taħt l-assigurazzjoni għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol għandu jiġi evalwat, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ qabel l-adeżjoni tar-Repubblika Slovakka mal-Unjoni. Din is-sistema legali għadha attwalment fis-seħħ.

37 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, indipendentement min-natura tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji dwar il-kumpens għad-dannu morali jew mill-applikabbiltà ta' waħda jew l-oħra mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali msemmija iktar 'il fuq, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-tilwima fil-kawża prinċipali rriżultat, minn naħa, mir-rifjut tal-Fond ta' Assigurazzjoni Soċjali li jħallas il-kumpens diġà mogħti mill-imsemmija deċiżjonijiet ġudizzjarji u, min-naħa l-oħra, mill-konstatazzjoni tal-istat ta' insolvenza *de facto* tal-persuna li kienet timpjega lill-ħaddiem li miet.

38 Dawn il-fatti li taw lok għat-tilwima fil-kawża prinċipali seħħew qabel id-data tal-adeżjoni tar-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea.

39 Meta l-qorti nazzjonali tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, fil-prinċipju, mingħajr ma jkun neċessarju li tikkunsidra ċ-ċirkustanzi li fihom il-qrati nazzjonali ħassewhom fid-dmir li jagħmlulha d-domandi kif ukoll jippproponu li japplikaw id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkunu talbuha tinterpreta (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Bezpečnostní softwarová asociace, C-393/09, EU:C:2010:816, punt 25).

40 Pożizzjoni differenti tittieħed biss fil-każijiet fejn id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni suġġetta għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx applikabbli għall-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali, li jkunu seħħew qabel l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni, jew fejn ikun manifest li l-imsemmija dispożizzjoni ma tkunx applikabbli (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Bezpečnostní softwarová asociace, C-393/09, EU:C:2010:816, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja, kuntrarjament għal dak li jallega l-Gvern Slovakk, għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/94 invokati mill-qorti tar-rinviju. Għaldaqstant, għandha tingħata risposta għad-domandi magħmula minn din tal-aħħar.

### *Fuq l-ammissibbiltà*

42 Il-Gvern Slovakk iqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tal-ewwel domanda. Id-dubji espressi minn dan l-Istat Membru jikkonċernaw, essenzjalment, l-ineżattezza tal-kostruzzjoni ġuridika nazzjonali li fuqha hija bbażata din it-talba kif ukoll ksur, mill-qorti tar-rinviju, tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, b'mod partikolari sa fejn dik il-qorti ma tindikax b'mod sħiħ fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari n-natura tal-kreditu kontenzjuż, id-dritt nazzjonali applikabbli u ma tistabbilixxix ir-rabta li teżisti bejn l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u t-tilwima fil-kawża prinċipali.

43 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tkun tressqet it-tilwima u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala regola ġenerali, marbuta tagħti deċiżjoni (sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar, C-349/17, EU:C:2019:172, punt 47).

44 Minn dan isegwi li, anki kieku l-osservazzjonijiet tal-Gvern Slovakk dwar l-ineżattezza tal-kuntest ġuridiku li fuqu huma bbażati d-domandi preliminari kienu rilevanti, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali ddefinit minnha u taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, kuntest li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza (sentenza tat-3 ta' Lulju 2019, UniCredit Leasing, C-242/18, EU:C:2019:558, punt 46).

45 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li ma huwiex il-kompitu tagħha, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u li tiddeċiedi jekk l-interpretazzjoni tagħhom mogħtija mill-qorti nazzjonali hijiex korretta, peress li tali interpretazzjoni taqa', fil-fatt, taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati nazzjonali (sentenza tat-3 ta' Lulju 2019, UniCredit Leasing, C-242/18, EU:C:2019:558, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, it-talba għal deċiżjoni preliminari tissodisfa l-kriterji stabbiliti minn dan l-artikolu. Fil-fatt, din it-talba tipprovdi l-kjarifiki neċessarji f'dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti u s-suġġett tal-kawża prinċipali, jiġifieri l-ħlas ta' kumpens għad-dannu morali subit wara l-mewt ta' impjegat wara inċident fuq il-post tax-xogħol. Hija tirreferi wkoll għall-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li, skont il-qorti tar-rinviju, jistgħu jkunu applikabbli għall-kawża prinċipali, jiġifieri l-Kodiċi tax-Xogħol, il-Liġi Nru 274/1994 kif ukoll il-Liġi dwar il-Falliment. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tindika, minn naħa, ir-raġunijiet li wassluha biex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/94 u, min-naħa l-oħra, ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn din u l-leġiżlazzjoni nazzjonali li hija tqis li hija applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

47 Minn dan isegwi li d-domanda, inkluża l-ewwel domanda, hija ammissibbli.

### *Fuq il-mertu*

48 Peress li l-protezzjoni li d-Direttiva 2008/94 hija intiża li toffri tippreżupponi l-konstatazzjoni tal-istat ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, fis-sens tal-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2013, Mustafa, C-247/12, EU:C:2013:256, punt 30), għandha tiġi ttrattata, fl-ewwel lok, it-tieni domanda.

#### *Fuq it-tieni domanda*

49 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94 għandux jiġi interpretat fis-sens li persuna li timpjega tista' titqies li tinsab fi "stat ta' insolvenza" meta din kienet is-suġġett ta' talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dritt għal kumpens, irrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja, iżda fejn il-kreditu jkun ġie ddikjarat irrekuperabbli fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni minħabba l-istat ta' insolvenza *de facto* ta' din il-persuna li timpjega.

50 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat fis-sentenza tat-18 ta' April 2013, Mustafa (C-247/12, EU:C:2013:256, punti 31 u 32), mill-kliem innifsu tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94 jirriżulta li għandhom jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet sabiex persuna li timpjega titqies li tinsab fi stat ta' insolvenza. Minn naħa, għandu jkun intalab il-ftuħ ta' proċedura kollettiva bbażata fuq l-insolvenza tal-persuna li timpjega u, min-naħa l-oħra, għandu jkun hemm jew deċiżjoni ta' ftuħ ta' din il-proċedura, jew, fil-każ ta' insuffiċjenza tal-assi sabiex jiġi ġġustifikat il-ftuħ ta' tali proċedura, konstatazzjoni tal-għeluq definittiv tal-impriża.

51 Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li la t-tressiq ta' talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' eżekuzzjoni, abbażi ta' kumpens, irrikonoxxut quddiem qorti, kontra persuna li timpjega, u lanqas il-ftuħ stess ta' tali proċedura, ma jissodisfaw ir-rekwiżit li jkun intalab il-ftuħ ta' proċedura kollettiva bbażata fuq l-insolvenza ta' din il-persuna li timpjega.

52 Fil-fatt, proċedura ta' eżekuzzjoni li hija intiża għall-eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tirrikonoxxi dritt ta' kreditur, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija differenti fuq diversi punti minn proċedura kollettiva bħal dik prevista fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda, minn naħa, l-għan tagħha, sa fejn ma hijiex intiża għall-ħlas kollettiv lill-krediturі (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 1997, Bonifaci *et* u Berto *et*, C-94/95 u C-95/95, EU:C:1997:348, punt 34, kif ukoll tal-25 ta' Frar 2016, Stroumpoulis *et*, C-292/14, EU:C:2016:116, punt 34), u, min-naħa l-oħra, il-konsegwenzi għad-debitur inkwistjoni sa fejn hija ma twassalx għat-tneħħija parzjali jew totali tal-assi tad-debitur u lanqas għall-ħatra ta' stralċjarju jew ta' persuna li teżerċita funzjoni simili.

53 Konsegwentement, peress li mill-kliem tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94 jirriżulta li ż-żewġ kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 50 ta' din is-sentenza għandhom jiġu ssodisfatti b'mod kumulattiv, il-fatt li, fl-assenza ta' ftuħ ta' proċedura kollettiva bbażata fuq l-insolvenza tal-persuna li timpjega, kreditu ġie ddikjarat irrekuperabbli minħabba l-istat ta' insolvenza *de facto* ta' din il-persuna li timpjega ma jistax, waħdu, ikun suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-applikazzjoni tal-imsemmija direttiva abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

54 Għandu, madankollu, jiġi osservat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2008/94 jagħti lill-Istati Membri s-setgħa li jilleġiżlaw taħt id-dritt tal-Unjoni sabiex jestendu l-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati prevista minn din id-direttiva għal sitwazzjonijiet oħra ta' insolvenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et*, C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 44), pereżempju għal sitwazzjoni *de facto* permanenti ta' waqfien ta' pagament, stabbiliti permezz ta' proċeduri oħra għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 2, li huma previsti mid-dritt nazzjonali.

55 Għalhekk, ma huwiex eskluż li sitwazzjoni ta' insolvenza *de facto* bħal dik ikkonstatata fil-kawża prinċipali u li għaliha tirreferi l-qorti tar-rinviju billi tibbaża ruħha fuq il-Liġi dwar il-Falliment tista' taqa' taħt il-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2008/94.

56 Il-Gvern Slovakk josserva li teżisti leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika, jiġifieri l-Liġi Nru 461/2003, li tiddefinixxi b'mod awtonomu l-istat ta' insolvenza għall-finijiet tal-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati, fis-sens tad-Direttiva 2008/94. Din il-liġi, li hija intiża preċiżament sabiex tittrasponi din id-direttiva, torbot il-prova tal-kundizzjoni tal-insolvenza tal-persuna li timpjega għall-finijiet tal-assigurazzjoni soċjali li tkopri l-każijiet ta' insolvenza tal-persuna li timpjega esklużivament ma' proċedura speċifika ta' insolvenza, prevista fl-Artikolu 12 tagħha.

57 Skont il-Gvern Slovakk, l-imsemmija liġi tapplika għall-każijiet kollha li fihom l-insolvenza seħħet wara l-1 ta' Jannar 2004 u għandha titqies bħala *lex specialis* meta mqabbla mal-Liġi dwar il-Falliment invokata mill-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, hija biss il-Liġi Nru 461/2003 li tirregola speċifikament l-insolvenza tal-persuna li timpjega, filwaqt li l-Liġi dwar il-Falliment, li fuqha bbażat ruħha l-qorti tar-rinviju, tiddefinixxi b'mod ġenerali l-insolvenza għall-finijiet tal-proċedura ta' insolvenza.

58 Minn dan isegwi li l-konstatazzjoni ta' stat ta' insolvenza *de facto*, skont il-Liġi dwar il-Falliment li tirreferi għaliha l-qorti tar-rinviju, ma hijiex suffiċjenti, f'dan il-każ, sabiex jiġi stabbilit li l-kundizzjoni ta' insolvenza hija ssodisfatta, fis-sens tad-dritt nazzjonali applikabbli.

59 Madankollu, fid-dawl tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, kif imfakkra fil-punti 44 u 45 ta' din is-sentenza, hija l-qorti nazzjonali li għandha, f'dan il-każ, tevalwa, minn naħa, jekk għandhiex tiġi applikata għall-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali l-leġiżlazzjoni speċifika deskritta mill-Gvern Slovakk fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u miġbura fil-qasir fil-punti 56 sa 58 ta' din is-sentenza, u, min-naħa l-oħra, jekk il-leġiżlatur Slovakk użax il-possibbiltà offruta mill-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2008/94 billi estenda l-protezzjoni prevista minn din għal sitwazzjonijiet oħra ta' insolvenza, bħal dik ikkonstatata fil-kawża prinċipali.

60 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94 għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li timpjega ma tistax titqies li tinsab fi "stat ta' insolvenza" meta hija kienet is-suġġett ta' talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dritt għal kumpens, irrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja, iżda fejn il-kreditu ġie ddikjarat irrekuperabbli fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni minħabba l-insolvenza *de facto* ta' din il-persuna li timpjega. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, skont l-Artikolu 2(4) ta' din id-direttiva, l-Istat Membru kkonċernat iddeċidiex li jestendi l-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati prevista mill-imsemmija direttiva għal tali sitwazzjoni ta' insolvenza, stabbilita permezz ta' proċeduri differenti minn dawk imsemmija fl-imsemmi Artikolu 2(1), li huma previsti mid-dritt nazzjonali.

*Fuq l-ewwel domanda*

61 Peress li l-applikabbiltà tad-Direttiva 2008/94 tiddependi fuq il-konstatazzjoni tal-istat ta' insolvenza tal-persuna li timpjega, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda biss fil-każ li l-qorti tar-rinviju tkun ikkonstatat, minn naħa, li l-leġiżlatur Slovakk estenda l-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati prevista minn din id-direttiva għal sitwazzjonijiet oħra ta' insolvenza u, min-naħa l-oħra, li l-kundizzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali f'dan ir-rigward huma ssodisfatti.

62 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li kumpens dovut minn persuna li timpjega lill-qraba superstiti għad-dannu morali subit minħabba l-mewt ta' impjegat wara

inċident fuq il-post tax-xogħol jista' jitqies bħala li jikkostitwixxi "kreditu ta' ħaddiema impjegati li jirriżulta mill-kuntratti ta' impjieg jew minn relazzjonijiet ta' impjieg", fis-sens tal-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva.

63 L-ewwel domanda tirrigwarda għalhekk id-delimitazzjoni tal-kunċett ta' "kreditu ta' ħaddiema impjegati li jirriżulta mill-kuntratti ta' impjieg jew minn relazzjonijiet ta' impjieg", li huwa s-suġġett tal-obbligu ta' ħlas mill-istituzzjonijiet ta' garanzija, previst fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94.

64 Skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan soċjali ta' din id-direttiva huwa dak li jiġi ggarantit lill-ħaddiema impjegati kollha minimu ta' protezzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega permezz tal-ħlas tal-krediti mhux imħallsa li jirriżultaw minn kuntratti jew minn relazzjonijiet ta' xogħol u li jirrigwardaw ir-remunerazzjoni għal perijodu speċifiku (ara s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Guigo, C-338/17, EU:C:2018:605, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 F'dan ir-rigward, minn qari flimkien tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94 kif ukoll tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dwar kemm din id-direttiva kif ukoll id-Direttiva 80/987, imħassra mill-imsemmija direttiva, jirriżulta li huma koperti biss il-krediti tal-ħaddiema impjegati li jirriżultaw minn kuntratti ta' xogħol jew minn relazzjonijiet ta' xogħol meta dawn il-krediti jirrigwardaw ir-remunerazzjoni. Ma humiex koperti, għaldaqstant, mingħajr distinzjoni, il-krediti kollha tal-ħaddiema impjegati li jirriżultaw minn kuntratti ta' xogħol jew minn relazzjonijiet ta' xogħol (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2004, Olaso Valero, C-520/03, EU:C:2004:826, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-28 ta' Ġunju 2018, Checa Honrado, C-57/17, EU:C:2018:512, punt 28).

66 L-Istati Membri huma għalhekk obbligati jiżguraw, sal-limitu massimu li huma jistgħu jiffissaw għall-garanzija tal-krediti mhux imħallsa, il-ħlas tat-totalità tal-imsemmija krediti (ara s-sentenza tat-2 ta' Marzu 2017, Eschenbrenner, C-496/15, EU:C:2017:152, punt 53).

67 Madankollu, minkejja li l-istituzzjonijiet ta' garanzija għandhom għalhekk jieħdu r-responsabbiltà għall-imsemmija remunerazzjonijiet mhux imħallsa, huwa d-dritt nazzjonali li għandu jiddefinixxi, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/94, it-terminu "remunerazzjoni" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2017, Eschenbrenner, C-496/15, EU:C:2017:152, punt 54), u, għaldaqstant, li jispeċifika liema kumpens jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva (ara s-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, Checa Honrado, C-57/17, EU:C:2018:512, punt 30).

68 Konsegwentement, il-kwistjoni dwar jekk kumpens dovut minn persuna li timpjega lill-qraba superstiti għad-dannu morali subit minħabba l-mewt ta' impjegat wara inċident fuq il-post tax-xogħol, bħall-kumpens inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqax taħt il-kunċett ta' "remunerazzjoni" għandu jiġi solvut fid-dawl tad-dritt nazzjonali, f'dan il-każ id-dritt Slovakk. Hija, għaldaqstant, il-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dan huwiex effettivament il-każ.

69 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/94 jagħti lill-Istati Membri s-setgħa li japplikaw jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għall-ħaddiema impjegati.

70 Għalhekk, protezzjoni addizzjonali tista' tiġi offruta billi l-istituzzjoni ta' garanzija tiġi obbligata tkopri spejjeż oħra minbarra dawk ta' natura salarjali dovuti lill-ħaddiema impjegati.

71 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward l-eżerċizzju minn Stat Membru tal-kompetenzi proprji tiegħu, jirriżulta li dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali huma rregolati mid-dritt nazzjonali fil-limiti tal-protezzjoni minima żgurata permezz tad-direttiva inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2019, TSN u AKT, C-609/17 u C-610/17, EU:C:2019:981, punti 34 u 35, kif ukoll tal-4 ta' Ġunju 2020, Fetico *et*, C-588/18, EU:C:2020:420, punti 31 u 32).

72 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94 għandhom jiġu interpretati fis-sens li kumpens dovut minn persuna li timpjega lill-qraba superstiti għad-dannu morali subit minħabba l-mewt ta' impjegat wara inċident fuq il-post tax-xogħol jista' jitqies li jikkostitwixxi "kreditu ta' ħaddiema impjegati li jirriżulta mill-kuntratti ta' impjieg jew minn relazzjonijiet ta' impjieg", fis-sens tal-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva biss meta jaqa' taħt il-kunċett ta' "remunerazzjoni", kif dan huwa speċifikat mid-dritt nazzjonali, u dan għandu jiġi stabbilit mill-qorti nazzjonali.

## Fuq l-ispejjeż

73 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna li timpjega ma tistax titqies li tinsab fi "stat ta' insolvenza" meta hija kienet is-suġġett ta' talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' eżekuzzjoni abbażi ta' dritt għal kumpens, irrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja, iżda fejn il-kreditu ġie ddikjarat irrekuperabbli fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni minħabba l-insolvenza *de facto* ta' din il-persuna li timpjega. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, skont l-Artikolu 2(4) ta' din id-direttiva, l-Istat Membru kkonċernat iddeċidiex li jestendi l-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati prevista mill-imsemmija direttiva għal tali sitwazzjoni ta' insolvenza, stabbilita permezz ta' proċeduri differenti minn dawk imsemmija fl-imsemmi Artikolu 2(1), li huma previsti mid-dritt nazzjonali.**

2) **L-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/94 għandhom jiġu interpretati fis-sens li kumpens dovut minn persuna li timpjega lill-qraba superstiti għad-dannu morali subit minħabba l-mewt ta' impjegat wara inċident fuq il-post tax-xogħol jista' jitqies li jikkostitwixxi "kreditu ta' ħaddiema impjegati li jirriżulta mill-kuntratti ta' impjieg jew minn relazzjonijiet ta' impjieg", fis-sens tal-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva biss meta jaqa' taħt il-kunċett ta' "remunerazzjoni", kif dan huwa speċifikat mid-dritt nazzjonali, u dan għandu jiġi stabbilit mill-qorti nazzjonali.**

Firem